# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 25 ta' April 2001**

**Avviz. numru 1641/00**

**Numru 44**

**Citadel Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Angelo Sammut sija bil-polza u sija bil-ligi**

**vs**

**Sandro Abela**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talbiet tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' sitt mija u wiehed u tletin lira u wiehed u tletin centezmu (Lm631.31,0) jew ammont iehor verjuri li jigi likwidat minn dina l-Qorti, jekk hemm bzonn anke permezz ta' periti nominandi, rapprezentanti danni sofferti minnha fl-incident awtomobilisitiku tat-23 ta' Awissu 1999 fi Triq Council of Europe, Luqa bejn il-vettura numru GMY 101 misjuqa mill-konvenut u propjeta' ta' Nazzareno Abela u l-vettura numru LTY 186 misjuqa minn u proprjeta' tal-assikurat Angelo Sammut, prevja d-dikjarazzjoni, jekk hemm bzonn, li l-imsemmi incident gara b'tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-imghax u bl-ispejjes inkluzi dawk u tal-ittra ufficjali prezentata mal-avviz kontra s-socjeta' assikuratrici tal-konvenut kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes oltre talbiet ohra jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-2 ta' April 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici kif dedotti mill-istess avviz u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm631.31,0 bl-imghax legali mill-24 ta' Novembru 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-24 ta' Novembru 2000 msemmija fl-avviz.

Alan Calleja
Dep.Reg